



---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċibili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2018/2200(DEC)**

17.1.2019

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċibili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2017  
(2018/2200(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Romeo Franz

PA\_NonLeg

PE630.579v02-00

2/6

AD\1173705MT.docx

**MT**

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivilji, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Audituri li l-kontijiet annwali tal-Europol jiġi p-rezaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2017 u li t-tranżazzjonijiet tagħha huma legali u regolari;
2. Jenfasizza li b'reazzjoni għall-isfidi imposti mill-migrazzjoni, il-baġit tal-Europol żdied u l-persunal tiegħu ssaħħa; jinnota li fl-2017 il-baġit tal-Europol żdied minn 104 miljun euro għal 118-il miljun u l-persunal tagħha żdied minn 737 għal 834 ekwivalenti full-time; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest ta' attivitajiet li dejjem qed jiżdiedu, in-nuqqas ta' kummenti mill-Qorti tal-Audituri rigward l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-2017 tal-Europol; jilqa' wkoll il-fatt li r-rakkmandazzjonijiet kollha maħruġa mill-Qorti tal-Audituri għas-snin preċedenti ngħalqu; jenfasizza, b'mod partikolari, li mill-2017 il-Qorti tal-Audituri m'għadhiex tirrapporta riporti eċċessivi tal-appoprjazzjonijiet ta' impenn mis-sena preċedenti (2016) sas-sena kurrenti (2017) għat-Titolu II (nefqa amministrattiva);
3. Jitlob lill-Europol tipprovd aktar informazzjoni dwar il-kompliti u l-implikazzjonijiet baġitarji tal-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet (UE IRU) tagħha, li mhixiex elenkata b'mod espliċitu fil-baġit, iżda li tifforma parti miċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (ECTC) tagħha; ifakk li l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jirreferi għal riferimenti ta' kontenut tal-internet fir-rigward tat-terroriżmu lill-fornituri tas-servizzi online, filwaqt li l-Europol, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija, tappoġġa l-investigazzjonijiet relatati mill-awtoritajiet kompetenti; jitlob spċifikament informazzjoni dwar is-segwitu sussegamenti dwar il-każijiet identifikati u riferuti ta' kontenut ta' internet terroristiku, inkluż fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri;
4. Ifakk li l-importanza u l-valur miżjud tal-Europol fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata madwar l-Ewropa u, b'mod partikolari, ir-rwol tagħha fil-finanzjament tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konguña (SIK); jilqa', fdak ir-rigward, il-konklużjoni reċenti ta' Memorandum ta' Qbil ġdid bejn l-Europol u l-Eurojust<sup>2</sup> li jistabbilixxi kriterji u kundizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet ta' SIK offruti mit-tnejn li huma.
5. Jinnota li l-Europol irnexxielha timla l-postijiet battala kollha tagħha; jiddispjaċihi li l-Europol ma tippubblikax avviżi ta' postijiet battala fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) iżda biss fuq is-sit web tagħha stess u fil-midja

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53)

<sup>2</sup> Memorandum ta' Qbil dwar l-istabbiliment konġunt tar-regoli u l-kundizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju lil-attivitajiet ta' skwadri ta' investigazzjoni konguña bejn l-Europol u l-Eurojust, iffirmsat fl-1 ta' Ġunju 2018.

soċjali; jirrikoxxi li l-lingwa ta' ħidma tal-Europol hija princiċalment l-Ingliż; jirrikoxxi t-tħassib tal-Europol fir-rigward tal-ispejjeż addizzjonali għat-traduzzjoni; jirrimarka li l-publikazzjoni tal-avviżi ta' postijiet battala fuq is-sit web tal-EPSO tkun utli u rilevanti peress li żżid it-trasparenza u l-pubbliċità u tippermetti liċ-ċittadini tal-Unjoni jidentifikaw il-postijiet battala ppubblikati mid-diversi istituzzjonijiet u aġenziji tal-Unjoni; jitlob lill-Europol tippubblika wkoll l-avviżi ta' postijiet battala tagħha fuq is-sit web tal-EPSO; jistieden lill-Kummissjoni tqis miżuri maħsuba biex inaqqsu l-piż finanzjarju għat-traduzzjoni tal-avviżi ta' postijiet battala fuq l-aġenziji, inkluż billi jiġi stabbilit ftehim qafas ad hoc maċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT);

6. Jilqa' l-impenn tal-Europol li tindirizza t-tliet rakkmandazzjonijiet identifikati mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni fir-rapport tal-awditjar tiegħu tal-2017 dwar l-"Akkwist pubbliku fl-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija".

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	10.1.2019	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	43 2 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Asim Ademov, Martina Anderson, Heinz K. Becker, Monika Beňová, Michal Boni, Caterina Chinnici, Rachida Dati, Frank Engel, Laura Ferrara, Romeo Franz, Kinga Gál, Ana Gomes, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Monika Hohlmeier, Sophia in 't Veld, Cécile Kashetu Kyenge, Monica Macovei, Roberta Metsola, Claude Moraes, Ivari Padar, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Helga Stevens, Traian Ungureanu, Bodil Valero, Marie-Christine Vergiat, Udo Voigt, Josef Weidenholzer, Kristina Winberg, Tomáš Zdechovský, Auke Zijlstra	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Dennis de Jong, Anna Hedh, Lívia Járóka, Marek Jurek, Jean Lambert, Jeroen Lenaers, Andrejs Mamikins, Angelika Mlinar, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Norbert Erdős, Fernando Ruas, Adam Szejnfeld	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB  
JAGĦTI OPINJONI**

<b>43</b>	<b>+</b>
ALDE	Nathalie Griesbeck, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Maite Pagazaurtundúa Ruiz
ECR	Marek Jurek, Monica Macovei, Helga Stevens, Kristina Winberg
EFDD	Laura Ferrara
GUE/NGL	Dennis de Jong, Marie-Christine Vergiat
PPE	Asim Ademov, Heinz K. Becker, Michał Boni, Rachida Dati, Frank Engel, Norbert Erdős, Kinga Gál, Monika Hohlmeier, Lívia Járóka, Jeroen Lenaers, Roberta Metsola, Fernando Ruas, Csaba Sógor, Adam Szajnfeld, Traian Ungureanu, Tomáš Zdechovský
S&D	Monika Beňová, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Sylvie Guillaume, Anna Hedh, Cécile Kashetu Kyenge, Andrejs Mamikins, Claude Moraes, Ivari Padar, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer
VERTS/ALE	Romeo Franz, Jean Lambert, Judith Sargentini, Bodil Valero

<b>2</b>	<b>-</b>
ENF	Auke Zijlstra
NI	Udo Voigt

<b>1</b>	<b>0</b>
GUE/NGL	Martina Anderson

It-tifsira tas-simboli:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni